MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2012

Appell Kriminali Numru. 90/2011

**Il-Pulizija**
**(Spt. Trevor Micallef)**
**Vs**
**Janis Caruana**

Il-Qorti,

1. Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellant detentur tal-karta tal-identita` numru 577785(M), quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar it-12 ta' Frar, 2009, għall-ħabta tat-tlieta ta' wara nofs inhar (3.00 p.m.) minn ġewwa Hotel Gorganis, Kamra numru 325, Triq Santu Wistin, San Ġiljan, ikkommetta serq ta' laptop tal-marka Acer għad-dannu ta' Rosana Vargas Escarpita, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur (aktar minn Euro 233, iżda anqas minn Euro 2330) u bil-persuna.

2. U aktar talli għamel reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża datat 15 ta' Jannar 2009 mogħtija mill-

Maġistrat Miriam Hayman liema sentenza kienet kundanna għal 18-il xhur priġunerija li kellhom jibqgħu sospiżi għal erba' snin.

3. Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-14 ta' Frar, 2011, li biha wara li rat l-artikoli 261, 263, 264, 267, 268(c), 279, 280 u artikolu 28A sa 28H u artikolu 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati u kkundannatu għall-tlettax (13)-il xahar priġunerija u tirrendi operattiva s-sentenza fl-ismijiet Pulizija vs Janis Caruana datata 15 ta' Jannar, 2009, billi kkundannatu ghal perjodu ta' prigunerija iehor ta' tmintax (18)-il xahar, b'total ta' wiehed u tletin (31) xahar priġunerija. (fol 69)

4. Il-Qorti rrakkomandat lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin li jawtorizza lill-appellant jibda u jikkompleta Programm Residenzjali għal Rijabilitazzjoni Kontra d-Droga fi hdan l-istituzzjonijiet addetti mal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin.

5. Din il-piena ġiet akkordata stante li l-appellant kien għadu kemm ingħata opportunita` minn Qrati Maltin fil-15 ta' Jannar, 2009 permezz ta' sentenza sospiża sabiex ikun jista` jirrejabilita` ruħu. Ta' min jgħid illi l-akkużi odjerni jġibu d-data 12 ta' Frar, 2009 u cioe` fi żmien ta' anqas minn xahar, l-appellant kien reġa' ssokta fuq it-triq tal-kriminalita`. Illi ghaldaqstant il-Qorti tqis li l-appellant ma jistħoqqlux illi jingħata opportunita` ulterjuri b'xi forma ta' piena alternattiva għal dik karċerarja.

6. Rat ir-rikors tal-appellant minnu ppreżentat fit-23 ta' Frar, 2011, li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza msemmija u tilliberah minn kull ħtija u piena.

7. Fliet l-atti kollha proċesswali.

8. Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

9. Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor, huwa s-segwenti u ċioe':-

10. Illi nonostante li l-każ tal-prosekuzzjoni huwa mibni esklussivament fuq suspetti u konġetturi, l-Qorti tal-Magistrati xorta waħda sabet ħtija fl-appellant.

11. Illi jibda biex jingħad li l-allegata derubata qatt ma ngabet tixhed quddiem il-Qorti. Mir-rapport li għamlet fit-13 ta' Frar, 2009 (li jinsab esebit a fol. 3 *et seq*. ta' l-atti processwali) jidher li fil-ġurnata ta' qabel din kienet sabet il-laptop tagħha nieqes. L-istess rapport, b'mod lakoniku, jindika l-valur ta' l-imsemmi laptop bħala ta' elf u tliet mitt Euro. Bilkemm hemm għalfejn jingħad li dan ir-rapport ma jikkostitwiex prova. Filwaqt li l-utilita` tiegħu sabiex wieħed jifhem l-iter ta' l-investigazzjoni tal-Pulizija huwa indiskuss, huwa bl-akbar rispett assurd li jigi argumentat li dan jikkostitwixxi prova tal-kontenut tiegħu. A parti l-fatt li huwa risaput li fil-kamp penali huwa dejjem meħtieġ li tinġieb l-aħjar prova, tali dokument jikkostitwixxi documentary hearsay li ma jista` qatt jissostitwixxi l-prova li kellha neċessarjament tagħmel il-prosekuzzjoni bix-xiehda tad-derubata u, okkorrendo, b'dokumentazzjoni relatata.

12. Illi hawnhekk għandu bilfors jigi rilevat li, a parti l-htija riskontrata mill-Qorti tal-Magistrati, l-esponent huwa ukoll perpless bis-sejbien tal-ħtija addirittura taċ-ċirkostanzi aggravanti addebitati mill-Pulizija Ezekuttiva.

13. Illi mal-kongetturi msemmija, l-Qorti tal-Magistrati bbazat is-sejbien ta' ħtija wkoll fuq suspetti peress li jidher li l-agir ta' l-esponent mas-CCTV deher kemm xejn suspettuz. Issa a parti l-fatt li bejn il-manomissjoni ta' CCTV u serq ta' laptop hemm baħar jaqsam, lanqas ma saret il-prova li l-filmati u l-istills esebiti mill-Pulizija u mill-espert tal-Qorti kienu jinkwadraw dak li seħħ fil-ġurnata u fil-ħin ta' l-allegat reat u li ttieħdu mill-kuridur fejn seħħet l-allegata serqa. Il-filmat u l-istills relattivi ma għandhom ebda rabta mal-ġurnata, mal-ħin u mal-lok tar-reat. Kwindi r-rabta tal-aġir allegatament suspettuż ta' l-esponent mar-reat allegat hija bbażata esklussivament fuq konġetturi.

14. Illi, fil-fatt, ir-rappresentant tal-lukanda Gorganis, mhux biss ma jindikax li l-footage meħud mis-CCTV jappartjeni l-area tal-kamra ta' l-allegata derubata, iżda addirittura jorbot l-istess materjal viżwali mat-13 ta' Frar, 2009, cioe` mal-ġurnata wara li seħħet l-allegata serqa.

15. Illi qed jigi sottomess bl-akbar rispett li f'dan l-istat ta' prova ma huwiex accettabbli li tinsab ħtija f'kamp fejn l-ahjar prova hija dejjem rikjesta u f'kamp fejn il-grad tac-certezza morali ma hijiex mera frażi ta' konvenjenza.

Ikkonsidrat

**A. Il-Current Incident Report u s-sottomissjoni ta' Hearsay Evidence**

16. Illi d-difiża qed tissottometti li l-current incident report huwa biss hearsay evidence kif ukoll li qatt ma ttellgħet tixhed Rosana Vargas Escarpita- il-persuna li għamlet ir-rapport. Din tgħix ġewwa San Filepe del Agua, Daxaca, Mexico.

17. Minn dan ir-rapport jirriżulta li din il-persuna rraportat is-serq tal-laptop tagħha mill-Hotel Gorganis , Triq Santu Wistin, San Ġiljan fit-12 ta' Frar 2009 bejn in-12.30 u 17.30. Ir-rapport ittieħed minn WPC 174 Giovanna Battista Bonello. Fit-18 ta' Frar 2010, din ikkonfermatu bil-ġurament hekk:

'Jiena fit-13 ta' Frar tas-sena l-oħra ġiet persuna ta' Nazzjonalita' barranija tagħmel rapport li l-ġurnata ta' qabel hija kienet residenti l-Gorgianis Hotel, ħarġet minn ġol-kamra u x'ħin irritornat lura sabet il-laptop li kien qiegħed fil-luggage nieqes. Jien ħadtilha rapport ta' din is-serqa. Hi qalet li kienet fil-kamra 325 mingħalija.'

18. Skont l-istess rapport Rosana Vargas Escarpita hija s-sid tal-lap top li jiswa madwar 1300 Euro.

19. F'dan ir-rapport ma tissemma ebda persuna bħala suspettata li wettqet is-serqa. Hemm biss imniżżel id-dettalji li jagħmlu ħafna turisti li jkunu jivvjaġġjaw barra

minn pajjiżhom, jintebħu li nsterqu u jagħmlu rapport fl-eqreb għassa tal-Pulizija.

20. Id-difiża tissottometti li dan ir-rapport huwa hearsay u għalhekk m'hemmx prova fil-proċess li s-serqa filfatt seħħet.

21. Bir-rispett kollu, il-hearsay rule tagħna (fl-artikolu 599) mhix daqshekk riġida daqs kemm wieħed jaħseb. Fil-fatt l-ewwel parti ta' dan l-artikolu jgħid hekk:

'599. Il-qorti tista', ***skont iċ-ċirkostanzi***, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; **inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed**, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra,'

22. Fil-fatt fil-kawża 'Joseph Mary Vella et versus il-Kummissarju tal-Pulizija' il-Qorti Kostituzzjonali nhar it-13 ta' Jannar 1988[1] qalet hekk:

'Issa, fil-każ preżenti, si tratta ta' depożizzjoni ta' xhud dwar x'qallu ħaddieħor li ma jistax jiġi prodott minħabba li x-xhud ġie marbut bis-sigriet professjonali fuq l-identita' ta' dan il-ħaddieħor. Ċertament il-klem ta' dan il-ħaddieħor jistgħu, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, ikollhom importanza sostanzjali fuq il-mertu tal-kawża. Għalhekk il-Qorti ma tara l-ebda raġuni l-għala għandha tiddipartixxi mill-konlużjoni tal-ewwel qorti ( li tħalli lil dan ix-xhud jiddeponi).'

23. Ukoll fl-Ingilterra u f'Wales ir-regola tal-hearsay m'għadhiex stretta daqsa qabel. Il-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ ' Al-Khawaja and Tahery versus the United Kingdom' tal-15 ta' Diċembru 2011 (deċiżjoni tal-Grand Chamber) qalet hekk f'pargrafu 130:

[1] Volume LXXII. 1988 Partijiet 1 u II paġina 1.

‘However, the Court notes that the present cases have arisen precisely because the legal system in England and Wales has abandoned the strict common law ruel against hearsay evidence. Exceptions to the rules have been created, notably in the 1988 and 2003 Acts, which allowed for admission of ST’s statement in Al-Khawaja’s case and T’s statement in Tahery’s case.’

24. Fil-każ ta’ Al-Khawaja, ST kienet għamlet rapport lill-Pulizija numru ta’ xhur sewwa wara li kienet allegatament assaltata minn tabib. ST għamlet suwiċidju qabel il-ġuri. L-Imħallef li ppresieda ħalla li jinqara r-rapport waqt il-ġuri u ta direzzjonijiet appożiti. (Ara paragrafi 9 -19 tal-istess sentenza). Il-Grand Chamber ma sabitx vjolazzjoni tal-artikolu 6 (ara par.158 tas-sentenza).

25. Issa, jekk wieħed janalizza s-sitwazzjoni fil-każ li jinsab fil-preżent quddiem il-Qorti, ir-rapport bl-ebda mod ma jgħid li min għamel ir-rapport dwar is-serqa indika lill-appellant. Kieku kien hekk ir-rapport kien ikun prova li sar it-tali kliem iżda mhux prova li l-appellant wettaq is-serqa għalkemm l-istess rapport kien ikun jista’ jintuża biex jikkorobora provi oħra. (Ara: Subramianiam v Public Prosecutor (1956) 1.W.L.R.956 at 969, PC).[2] Fir-rapport odjern m’hemmx xi allegazzjoni bħalma ma għamlet ST fil-każ ‘Al-khawaja vs UK’ jew xi sitwazzjoni simili għal dak li aċċettat il-Qorti Kostituzzjonali. Hawn għandna biss rapport li saret is-serqa, ta’ xhiex, fejn u meta. Min għamel ir-rapport mhux Malti, ma semma lil ebda persuna bħala suspettat, u ma jistax joqgħod jinġieb Malta biex jikkonferma li saret serqa ta’ laptop. Terġa’ min għamel ir-rapport ma joqgħodx f’xi pajjiż fil-viċin.

26. Għalhekk il-Qorti, wara li rat iċ-ċirkostanzi tal-każ, u wara li rat l-artikolu 599 tal-Kap 12 res applikabbli għall-Kap 9, qed tiddeċiedi li fil-proċess teżisti prova li hija ammissibbli. Ir-rapport huwa prova li saret is-serqa u ta’ xejn aktar.

**B. Jekk hemmx provi li jorbtu lill-appellant mas-serqa.**

---

[2] Archbold: 2003 paġina 1243 paragrafu 11-9.

27. Il-Qorti eżaminat il-provi kollha mill-ġdid biex tara jekk hemmx evidenza biżżejjed li turi li kien l-appellant li wettaq is-serqa.

28. Mill-istqarrija li għamel l-appellant fis-16 ta' Marzu, 2009, huwa nnega li kien daħal fil-kamra ta' ħadd ieħor u ħa l-laptop. Meta ntwera s-sett tar-ritratti, huwa qal li fil-jiem ta' meta saret is-serqa, hu u t-tfajla kienu marru fil-lukanda għal erbat iljieli iżda s-sidien kienu talbuhom jitilqu għax ma kinux ħallsu bil-quddiem. Is-sular kien is-sular fejn kienu hu u t-tfalja tiegħu. Dwar il-camera huwa qal hekk:

'Il-kamera jista' jkun dawwartha għax kont fis-sakra u dawwartha biex niċċajta.'

29. Fit-tieni stqarrija tiegħu tas-27 t'April 2009 huwa identifika l-oġġett bħala ' Dak mobile naħseb.'

30. Meta mistoqsi fejn kien qiegħed il-mobile, huwa qal li kien neħħieh. Imbagħad l-istqarrija tkompli hekk:

***<u>'M. X'qiegħed iddaħħlu tagħmel taħt il-flokk il-mobile?</u>***
***<u>T. Mhux taħt il-flokk qiegħed nidher indaħħlu pero' fil-but.'</u>***

31. PS 516 Alfio Borg xehed li hu kien qed jippreżenta DVD ta' footage li kien għaddielu l-Ispettur Trevor Micallef kif ukoll DVD u sitt ritratti li estra hu stess mid-DVD.

32. Mill-analiżi tal-espert maħtur mill-Qorti biex janalizza is-CCTV irriżulta hekk:
'tidher persuna, kemm dieħla fl-istabbiliment kif ukoll fil-kuritur. Dina l-persuna tidher tuża diversi oġġetti, fosthom xkupa, sabiex tbiddel il-pożizzjoni tas-CCTV camera fil-kuritur.' (fol 48).

33. Iċ-ċaqliq tal-camera jirriżulta wkoll mir-ritratt u l-appellant ammetta li kien ċaqlaq il-camera iżda dan hu għamlu b'ċajta.

34. Mill-istess rapport tal-perit tekniku jidhru l-ħinijiet 14:29:34; 14.31.26; 14.36.00; 14,58.26; 15.01.34;

35. Fir-ritratti a fol 24 jidher l-appellant b'laptop f'idejh (TM5) u bil-flokk imqabbeż 'il barra (TM6).

36. Mix-xhieda ta' Rudy Doughall jirriżulta li l-Pulizija kienu kellmuh xi sena qabel dwar CD tal-lukanda fejn jaħdem hu bħala Administration Manager fil-Giorgianis Hotel. Kienu staqsewh dwar xi CD li fuqu hemm CCTV video. Huwa kien ra id-DVD, ra xi ħadd ħiereġ mill-kamra sejjer lejn is-CCTV camera, jtella' wiċċu 'l fuq lejn is-saqaf. Wara ftit jerġa' jniżżlu f'postu. Imbagħad għamel kopja u taha lill-Ispettur.

37. Il-Prosekuzzjoni hawn staqsiet:

P: Tiftakar ix-xahar ta' dik is-sena x'kien?
Xhud: Frar two thosuand and none (2009) , tlettax jidhirli.' (fol 37).'

38. Id-difiża ssottomettiet li d-data mhix dik tal-imputazzjoni. Iżda l-Qorti tinnota li dan ix-xhud kien qed jipprova x'ġara sena qabel. Filfatt dan xehed fit-18 ta' Frar 2010 u l-allegata serqa saret fit-12 ta' Frar 2009 u kienet irrapurtata l-għada fit-13 ta' Frar 2009. Barra dan l-appellant innifsu ammetta li kien hemm f'dawk il-jiem għax hu u t-tfajla kienu bbukkjaw erba' ljieli iżda qagħdu wieħed biss.

39. Il-Qorti qieset dak kollu li juru r-ritratti. Jekk il-mobile kien proprjeta' tal-appellant ma kienx hemm raġuni biex jaħbieh taħt il-flokk. Barra minn hekk, ebda mobile ma jagħmel bulge bħal dik għax issa l-mobiles żgħar u eleganti ilhom żmien fis-suq u għalhekk tista' taħbihom mingħajr ma joħolqu balla fuq iż-żaqq. Hemm ukoll il-logħob mal-cameras. Il-Qorti ma temminx li din kienet xi ċajta. Ma' dawn wieħed iżid ir-ritratt TM5 li ma jħalli ebda dubju li l-appellant għandu laptop f'idejh. Għalhekk il-Qorti qed taqbel mal-konklużjoni tal-ewwel Qorti li l-appellant huwa l-awtur tas-serqa.

40. Dwar l-aggravji tas-serqa m'hemmx dubju li l-aggravju tal-valur (aktar minn €233 Euro iżda anqas minn €2330) huwa ppruvat. Il-prezz li ngħata mill-persuna misruqa huwa ta' €1300). Ukoll jekk kien tilef xi ftit mill-valur għax forsi ma kienx ġdid, xorta jibqa' jiswa 'l fuq minn €233.

41. L-aggravju tal-persuna joħroġ għaliex l-appellant kien 'guest' fil-hotel u għalhekk huwa applikabbli l-artikolu 268 (ċ).

42. L-appellant kien ukoll akkużat li s-serqa li wettaq kellha l-gravanti tal-mezz. Id-difiża ssottomettiet li ma saritx prova dwar dan. Il-Qorti qed tilqa' biss din il-parti tal-aggravju dwar il-gravanti dwar il-mezz. Għalhekk f'dan il-każ japplika l-artikolu 280(1) li jgħid hekk:

'Meta s-serq ikkwalifikat bil-valur ikun akkumpnajat b'waħda jew iżejd mill-kwalifiki l-oħra, iżda mhux dik tla-vjolenza jew tal-mezz, il-ħati jeħedl, skontil-każ, il-pieni msemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan, iżda dawn ma jingħatawx fil-minium tagħhom.'
Peress li l-artikolu 279(a) jikkontempla priġunerija ta' bejn il-ħames xhur sa tleit snin, il-minimum huwa 5 xhur + 1/3 tad-differenza bejn 36-5. Jiġifieri l-minimum possibbli huwa 16 u 1/3 ta' xahar. L-Ewwel Qorti kienet tat piena ta' tlettax-il xahar. Bil-Liġi ma din il-Qorti ma tistax iżżid fil-piena la appella l-imputat biss u allura ser tħalli l-piena kif inhi.

**C. It-Tieni Imputazzjoni**

43. It-tieni imputazzjoni – twettiq ta' reat waqt perjodu ta' sentenza sospiża - kienet ippruvata permezz tas-sentenza li ġiet ippreżentata u l-identifikazzjoni tal-appellant.

44. Għar-raġunijiet mogħtija mill-Ewwel Qorti fl-aħħar paragrafu ta' paġina 5 tas-sentenza (fol 69 tal-proċess), ser tikkonferma li is-sentenza sospiża għandha issir waħda operattiva.

## D. Konklużjoni

45. Għalhekk il-Qorti qed tiċħad l-aggravji kollha tal-appellant għajr dik il-parti tal-aggravju dwar il-gravanti tal-mezz. Għalhekk qed tirriforma s-sentenza mogħtija fl-14 ta' Frar, 2011 fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Janis Caruana' billi tikkonfermha fejn sabet lill-appellant ħati tal-ewwel imputazzjoni bil-gravanti tal-valur u tal-persuna u fejn sabitu ħati tat-tieni imputazzjoni, fejn imponiet piena ta' priġunerija ta' tlettax-il xahar dwar l-ewwel imputazzjoni, fejn irrendiet operattiva s-sentenza 'Il-Pulizija vs Janis Caruana' tal-15 ta' Jannar 2009 u kkundannatu għall-perjodu ieħor ta' priġunerija ta' tmintax-il xahar, b'total ta' wieħed u tletin (31) xahar priġunerija u qed tħassarha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant ħati tal-gravanti tal-mezz fis-serqa msemmija fl-ewwel imputazzjoni u minflok qed tillibera lill-appellant minn din il-gravanti.

**46. Bħall-ewwel Qorti wkoll din il-Qorti qed tirrakkomanda lid-Direttur tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin li jawtorizza lill-appellant li jibda u jkompli Programm Residenzjali għal Rijabilitazzjoni kontra d-Droga fi ħadn l-istituzzjonijiet addetti mal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------